TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 17

L-Erbgha, 5 ta' Novembru, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi u l-Kunsillieri, Colin Bowman, Charles Grech u Mark Pisani.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 16 li saret nhar l-Erbgha, 1 t'Ottubru, 2025, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***Bye-Law***. Is-Sindku informa li l-process dwar l-emenda fil-bye-law tkompla u bhalissa qieghed ghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghall-approvazzjoni. L-emendi gew ukoll endorsed mill-Ministeru ghall-Ekonomija. It-tibdil propost mill-avukat tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali huwa li titnehha l-kelma Gwardamangia minhabba li Tal-Pieta` qed tinkludi wkoll lil Gwardamangia, kif ukoll li l-multa se tkun €70 minflok €90. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.2 ***Electric Van***. Is-Sindku informa li ma jistghux jittiehdu fondi mid-DPF tal-PA minhabba li l-van huwa xi haġa mobbli. Ghaldaqstant, dawn iridu jittiehdu mill-fondi tal-Kunsill. Ser tkun qed tinhareg sejha ghall-offerti ghax-xiri ta' electric van u li kopja ta' din is-sejha se tintbghat lil kulhadd ghal xi kummenti jew emendi li jista' jkun hemm. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4 QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-SETTEMBRU 2025

4.1 Tressaq quddiem il-Kunsill, il-Quarterly Financial Report ghal perjodu Jannar-Settembru 2025 (Appendici A). Is-Segretarju Ezekuttiv ta spjega ta' dan ir-rapport u informa li n-net current asset position tal-Kunsill hija wahda tajba ta' €139,280 u li hija 35% tal-allokazzjoni tal-Gvern.

4.2 Gie diskuss li l-Kunsill irid jahseb ghax-xiri tal-electric van kif ukoll li mill-bidu tas-sena irid jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-gnien tat-Torpedo Depot. Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport.

5 KORRISPONDENZA

5.1 ***LESA Progetti tal-Ghaqdiiet***: Il-LESA qed terga talloka fond ta' €100,000 ghall-ghaqdiet ta' Tal-Pieta` biex bihom isiru proġetti mill-istess ghaqdiet. Kien hemm qbil li dawn il-fondi jinqasmu hekk: €20,000 lil Pieta' Hotspurs FC, : €20,000 lil Kummissjoni Festa Madonna ta' Fatima, : €20,000 lis-Societa` Filarmonica Madonna ta' Fatima, €20,000 lis-Sodalita` tar-Ruzarju ta' Fatima, €12,000 lil Ghaqda sajjieda u Bahhara Pieta`, u : €8,000 lil Villa Frere.

5.2 ***LESA Progetti fil-komunitajiet***: Il-LESA harget skema ghall-Kunsilli Lokali sabiex japplikaw ghal proġetti varji. Kunsill jista' jinghata sa massimu ta' €80,000 u jkunu qed jiffinanzjaw sa 80% tal-progett. Spejjez relatati ma' servizzi ta' periti u servizzi simili iridu jiġu mhallsa mill-Kunsill. Jistghu isiru proġetti ta' greenery, pjazez, xiri ta' vettura ghat-trasport tar-residenti etc. Is-Sindku semma l-possibilta` li jsiru cctv's fil-lokal. Il-Vici Sindku u l-Kunsillier Grech semmew manutenzjoni fi Pjazza Isidor Formosa iżda s-Sindku nforma li din il-Pjazza ser isirilha manutenzjoni u tisbih mit-Tourist Zones Foundation u l-Public Works. Il-Vici Sindku semma wkoll ir-restawr tal-gabbana ta' Sa Maison. Kien hemm qbil li kulhadd ghandu jahseb ghal xiex jista' japplika l-Kunsill u terga' ssir dikussjoni dwar dan.

5.3 Il-Kunsill irċieva talba minn persuna li tahdem il-Kullegg Sant'Wistin sabiex filghodu, impjegati li jahdmu Tal-Pieta` ikunu jistghu jipparkjaw fuq il-parkeggi riservati ghar-residenti. Il-Kunsill unanimament irrifjuta din it-talba.

5.4 Il-Kunsill irċieva wkoll talba sabiex tfal ta' ġenituri li jghixu f'Tal-Pieta` u li jkollhom bżonn il-kura, ikunu jistghu jipparkjaw fuq il-parkegg tar-residenti. Il-Kunsill qabel ma' dan, iżda ghandhom jingiebu dawn id-dokumenti: Log book tal-karozza, ID card tal-genituri u ID card tal-applikant, certifikat tal-professur u dikjarazzjoni mit-tifel/tifla.

6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

6.1 **Lapida fi Triq Zammit Clapp**: Is-Sindku ppropona li din issir flimkien mal-Kappillan u dakinhar li tinfetah issir ukoll quddiesa f'Gunju. Kien hemm qbil unanimu li qabel issir, jingiebu l-kwotazzjonijiet neċessarji.

6.2 **NGO Dawra Madwarna**: Is-Sindku informa li din l-NGO tixtieq li taghmel attivita` simili ta' closed streets mal-Kunsill Lokali. Xi spejjez li jista' jkun hemm huma risk assessment u kiri ta' uffiċjali. Kien hemm qbil li din issir.

6.3 **Xoghol f'Villa Gwardamangia**: Is-Sindku informa li TM talbet li faccatta tal-Villa, jsiru bollards temporanji flok bankina. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jipproponi li dan l-ispazju minfejn jghaddu n-nies ghandu jkun kulur iehor sabiex ikun differenti mit-triq.

6.4 **Zvilupp fi Triq Santa Monika**: Is-Sindku informa li kien ser ikun hemm appell fuq l-izvilupp ta' Triq Santa Monika, faċċata tal-Knisja, fl-area fejn il-Kunsill talab lil PA biex tiġi estiża l-UCA. Huwa ppropona li l-Perit Edward Said jew Dr. Claire Bonello, jintervjenu fejn mehtieg, f'isem il-Kunsill Lokali wkoll. Il-Kunsill jibqa' jsostni d-decizjoni tieghu u deċiżjonijiet ta' żvilupp f'din l-area ghandhom jiġu miżmuma sakemm ikun hemm deċiżjoni finali dwar l-estensjoni tal-UCA. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6.5 **Sprall Pjazza Madonna ta' Fatima**: Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv kien kellem lill-perit li qed jiehu hsieb ix-xoghol fl-izvilupp li qed isir fi Triq Herbert Ganado u li fuq wara jinfed minn Pjazza Madonna ta' Fatima. Dan minhabba l-isprall li hemm int u gej mill-pjazza u li saritlu hsara minn trakkijiet li qed jidhlu. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill kien waqqaf temporanjament il-permessi sakemm il-kuntrattur jirranġa dan l-isprall.

6.6 Tehid ta' injections: Is-Sindku informa li din is-sena l-injections tal-influwenza u l-booster tal-covid se jittiehdu biss mill-polyclinics. Kunsilli Lokali li jridu joffru s-servizz, iridu jsibu u jhallsu tabib huma. Huwa qal li staqsa diversi tobba jistghux joffru dan is-servizz iżda hadd ma' kien *available*. Jekk xi hadd jaf xi tabib li lest jaghti dan is-servizz bi hlas, jghaddi l-informazzjoni tieghu.

6.7 Hofra f'Telghet Gwardamangia: Is-Sindku qal li ilu jiġi rrapurtat li hemm hsara fi Triq Telghet Gwardamangia wara li snin ilu kien sar żvilupp fil-post fejn kien hemm il-Grundig. Il-Kunsill kiteb lil BCA u lil PA dwar dan. Il-PA kkonfermat li l-izviluppatur ghadu ma talabx il-granzija lura iżda kkonfermat ukoll li l-Kunsill ma jistghax juża din il-garanzija ghal xi refund tal-ispejjez li jista' jkun hemm biex tissewwa l-hsara. Il-PA ikkuntattjatu u sa Jannar 2026, l-izviluppatur ghandu jirrangaha. Jekk dan ma jsirx, il-Kunsill ghandu jerga' jirreferi ghand il-PA.

6.8 Klassijiet taz-Zumba: Ricentament infethet *bakery* fi Pjazza San Luqa u dawn jixtiequ li jibdew jorganizzaw klassijiet taz-zumba fil-Pjazza u se jiehdu hsieb ukoll it-tindif li jkun hemm bżonn wara dawn il-klassijiet. Kien hemm qbil unanimu dwar din l-inizjattiva, diment li l-muzika ma tkunx gholja li ddejjaq lir-residenti, ikunu f'hin diċenti u li jinġieb il-permess tal-Kunsill.

6.9 CCTV hdejn l-ibins ta' hdejn il-car park: Ricentament saru diskussjonijiet ma' GreenPak dwar il-possibilta` li ssir CCTV hdejn l-ibins ta' hdejn il-car park. Il-GreenPak lesti li jhallsu il-CCTV huma filwaqt li l-Kunsill irid iwahhal il-pole li maghha tehel il-CCTV kif ukoll ihallas €29 fix-xahar ghall-internet. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u ghalhekk il-Kunsill ghandu jkompli jara ma GreenPak jekk din tistghax issir.

6.10 Playingfield/Project Green: Saret laqgha bejn il-Kunsill, IM u Project Green fejn gie kkonfermat li fl-area tal-bandli, IM kienet se thalli l-bankina u t-triq kif inhuma. Ghalhekk irriżulta li t-tibdil li kien sar fil-pjanti mill-perit tal-Kunsill biex jiġi ntegrat il-progett ta' IM, kien sar ghalxejn. Ghalhekk il-kunsill talab li l-bandli jerga' jikber kif inhu bhalissa u ser ikun hemm spiża ohra addizzjonali ta' madwar €2,000 fis-servizz tal-perit. Kien hemm qbil dwar dan.

6.11 Speed hump fi Triq Hookham Frere: Is-Sindku nforma li residenti kienu talbu sabiex issir speed hump, hames metri mill-bidu ta' Triq Hookham Frere. Inġabret ukoll petizzjoni mill-istess residenti u li tressqet quddiem il-Kunsill. Ghalhekk, wara li din il-petizzjoni giet verifikata, kien hemm qbil li din it-talba tghaddi lil TM ghall-approvazzjoni taghhom.

6.12 Attivitajiet tal-Milied: Is-Sindku ssugerixxa li bhas-sena l-ohra isir il-party ghat-tfal u party ghall-haddiema u Kunsillieri tal-Kunsill Lokali, kif ukoll il-Kunsill ghandu jaghti tifkira lill-anzjani waqt il-festin li torganizza l-ghaqda anzjani fi hdan il-parrocca. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

7 MISTOQSIJIET

7.1 Il-Kunsillier Grech qal li hemm htiega ta' sleeping policemen fi Triq Telghet Gwardamangia, fl-area tal-Maltapost u ohra ftit l-isfel mill-Villa tar-Regina.

7.2 Il-Kunsillier Grech qal li kienu telqu tliet haddiema tal-community work scheme. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill talab biex jekk ikun hemm haddiema *available* li jahdmu, dawn jiġu flok dawk li telqu.

7.3 Il-Vici Sindku staqsa jekk kienx hemm tweġiba minn Central Asphalt dwar l-istima ghal grif tat-tarmac ta' Triq Zammit Clapp. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li s issa ma kienx hemm u issa kien talab dan lill-kuntrattur bil-miktub.

7.4 Il-Vici Sindku staqsa jekk il-Kunsill Lokali jistax ikellem lil-Kuntrattur li bena l-binja fi Triq San-Guzepp kantuniera ma' Triq Edgar Ferro minhabba li l-bankina ma saritx sew u jista' jwegga xi hadd fiha. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ser ikun qieghed jiccekja dan.

8 AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżenta 3 kwotazzjonijiet ghad-dawl tal-Milied fi Triq ix-Xatt, Triq Santa Monika u Triq id-Duluri. L-irhas kwotazzjoni kienet dik ta' Bogre Ltd. bi prezz ta' €3980 + VAT.

Gew preżentati wkoll 3 kwotazzjonijiet ohra ghad-dawl tal-Milied fit-toroq l-ohra tal-lokal. L-irhas kwotazzjoni kienet dik ta' Dstreet Lighting bi prezz ta' €4,050 + VAT.

Il-Kunsill unanimament qabel li jaghzel l-irhas kwotazzjonijiet.

8.2 Is-Sindku nforma li s'issa kienu approvati €4,000 mill-iskema tar-Regjun. Sadanittant, il-Kunsill qieghed ukoll jistenna konferma ta' ghajnuna mill-MTA.

9 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

9.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 16. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

10. TMIEM

10.1 Fid-8.45pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 2 ta' Dicembru, 2025, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku